

Brussell, 23 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15738/23

EDUC 457
JEUN 270
SOC 811
CULT 165
DIGIT 271

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għat-tisħiħ tal-valuri komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmijin hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fit-23 ta' Novembru 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għat-tisħiħ tal-valuri komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR li l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.

FILWAQT LI JENFASIZZA l-impenn tal-Unjoni li tippromwovi u tiddefendi dawn il-valuri u tikkontribwixxi għall-preservazzjoni u l-iżvilupp tagħhom, kif iddikjarat fl-Artikoli 3(1) u (5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

FILWAQT LI JFAKKAR FIL-KUNTEST POLITIKU kif jinsab fl-Anness għal dawn il-konklużjonijiet.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li:

1. L-Istati Membri kollha jikkondividu sfidi minħabba l-impatt tal-bidliet ekonomiċi, politiċi, soċjali, kulturali u teknoloġiċi, għall-migrazzjoni globali u għal sorsi oħra ta' tħassib soċjali u polarizzazzjoni politika bħall-inugwaljanzi soċjoekonomiċi persistenti, flimkien maż-żieda fit-tendenzi nazzjonalisti diviżivi, il-ksenofobija, ir-razziżmu, l-antisemitiżmu, l-omofobija, il-bifobija, it-transfobija, l-interfobija u l-intolleranza abbażi tal-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali, id-diskors ta' mibegħda u r-radikalizzazzjoni, li jwasslu għal estremiżmu vjolenti. Dan jiżdied ma' deċennju diffiċli għall-Unjoni Ewropea, biż-żieda ta' movimenti populistu u anti-Ewropej, u l-proċess diżintegrattiv tal-Brexit.
2. Il-kriżi globali reċenti, inkluż il-pandemija tal-COVID-19, kellha wkoll impatt profond fuq is-soċjetajiet demokratiċi tagħna, u ħolqot sfidi bla preċedent għar-relazzjoni bejn l-istat u s-soċjetà, l-affidabbiltà tal-informazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, il-kapaċità tal-istituzzjonijiet demokratiċi li jlaħħqu mal-ħtiġijiet u d-domandi tas-soċjetà li qed jinbidlu malajr. Dan għandu impatt ukoll fuq il-kwalità, l-ugwaljanza u l-ekwità fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

3. Il-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, akkumpanjata minn fluss kostanti ta' diżinformazzjoni fuq skala kbira, tirrappreżenta mhux biss attakk fuq l-Ukrajna, iżda wkoll disprezz għad-dritt internazzjonali u għal valuri universali bħall-paċi, u theddida diretta għall-UE bħala żona ta' paċi, sigurtà u libertà.
4. Is-soċjetajiet demokratiċi miftuħa tagħna jiddependu fuq id-dibattiti pubbliċi li jippermettu liċ-ċittadini infurmati sew jesprimu l-volontà u l-opinjoni tagħhom permezz ta' proċessi politiċi liberi u ġusti. Il-litteriżmu fil-media, l-użu sikur, kritiku u responsabbli tat-teknoloġiji diġitali b'perspettiva ċċentrata fuq il-bniedem, u fehim xieraq tal-isfidi attwali relatati mal-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni huma għalhekk essenzjali għal parteċipazzjoni demokratika infurmata u, fl-aħħar mill-aħħar, għall-proċessi ta' apprendiment. L-iżviluppi fl-Intelliġenza Artifiċjali, li jinvolvu kemm riskji kif ukoll opportunitajiet, jissottolinjaw ukoll ir-rwol kritiku ta' dawn il-fatturi, li huma wkoll kruċjali għall-ġlieda kontra l-isterjotipi u n-normi dannużi.
5. L-isfidi relatati mal-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima jeżiġu tranżizzjoni ekoloġika ġusta u inklużiva, kif ukoll il-ħtieġa li s-soċjetà kollha kemm hi tiġi impenjata u involuta fil-proċess, u li jiġu miġġielda l-pożizzjonijiet kontroversjali.
6. Dawn l-isfidi u r-riskji kollha jista' jkollhom konsegwenzi, bħall-polarizzazzjoni soċjali, l-iskuntentizza politika u d-distakk mill-istituzzjonijiet demokratiċi u l-proċessi parteċipattivi tagħhom, li wasslu għal tħassib dejjem akbar fis-soċjetajiet Ewropej. Dawn juru li hemm il-ħtieġa li nkomplu niddefendu d-demokraziji tagħna u nsaħħu l-valuri komuni Ewropej tagħna, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Juru wkoll il-valur miżjud tal-Unjoni Ewropea fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi u r-riskji u fis-sejbien ta' soluzzjonijiet komuni.

7. L-ambizzjoni li tinkiseb iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni hija mirfuda minn sensiela ta' valuri u prinċipji edukattivi ewlenin li jeħtieġ li jkomplu jissaħħu, bħall-kwalità, l-ugwaljanza, l-ekwità, is-suċċess għal kulħadd, l-inklużjoni, ir-rispett u d-diversità¹.
8. F'dan il-kuntest, is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ huma meħtieġa mhux biss biex jantiċipaw, jadattaw u jirrispondu b'mod xieraq għall-isfidi l-ġodda, iżda wkoll biex jikkontribwixxu għall-futur tad-demokrazzija tagħna u tal-UE, billi jsawru ċittadini attivi, impenjati u kreattivi li huma konxji tal-valuri kondiviżi tagħhom u kapaċi jtejbju l-ambjent tal-għajxien tagħhom. Is-sett komuni Ewropew ta' valuri mressaq permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ jippermetti u jixpruna l-istatus soċjoekonomiku li tgawdi l-UE globalment.

JIEĦU NOTA ta':

1. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027², li tenfasizza l-ħtieġa li ż-żgħażaġh jingħataw ir-riżorsi meħtieġa biex isiru ċittadini attivi u aġenti ta' bidla pożittiva ispirata mill-valuri tal-UE u identità Ewropea³, u d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, li jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-kompetenzi taċ-ċittadinanza fost iż-żgħażaġh u s-sens ta' appartenenza tagħhom għas-soċjetà u l-Unjoni Ewropea.
2. L-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal⁴, li tistabbilixxi bħala wieħed mill-oqsma tematiċi prijoritarji tagħha l-għoti tas-setgħa lit-tfal biex ikunu ċittadini attivi u membri ta' soċjetajiet demokratiċi.

¹ Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) (ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1).

² Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1).

³ Ġew żviluppati ħdax-il Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ matul is-sitt ċiklu tad-Djalogu Strutturati taħt it-titolu "Iż-Żgħażaġħ fl-Ewropa: Xi jmiss?": "konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh", "ugwaljanza għall-ġeneri kollha", "soċjetajiet inklużivi" "informazzjoni u djalogu kostruttiv", "saħħa u benessri mentali", "appoġġ għall-iżvilupp taż-żgħażaġh rurali", "impjiegi ta' kwalità għal kulħadd", "tagħlim ta' kwalità", "spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd" u "Ewropa ekoloġika sostenibbli" u "organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u programmi Ewropej".

⁴ COM(2021) 142 final.

3. L-eżiti tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni, li fihom, fost affarijiet oħra, iċ-ċittadini rrakkomandaw l-iżvilupp ta' "edukazzjoni valida għall-futur u tagħlim tul il-ħajja fl-Ewropa" li tiffoka, fost l-oħrajn, fuq "edukazzjoni ċivika dwar il-proċessi demokratiċi, kif ukoll il-valuri tal-UE u l-istorja tal-Ewropa" u "tiggarantixxi livell minimu ta' edukazzjoni dwar l-UE u speċjalment il-proċessi demokratiċi tagħha, inkluż l-istorja tal-integrazzjoni Ewropea u ċ-ċittadinanza Ewropea"⁵.
4. Ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2021 u l-2022 li jipproponu sett komprensiv ta' rakkomandazzjonijiet għal edukazzjoni mġedda dwar iċ-ċittadinanza Ewropea u jenfasizzaw ir-rieda li titħeġġeġ identità komuni Ewropea permezz, fost affarijiet oħra, ta' programm akkademiku komuni, u li tiġi integrata b'mod qawwi dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni⁶, u qafas komuni dwar l-edukazzjoni ċivika b'dimensjoni Ewropea, inkluż l-apprendiment dwar il-valuri Ewropej u l-iżvilupp ta' materjal u approċċi pedagoġiċi komuni⁷.

⁵ Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa – Rapport dwar ir-Riżultat Finali, Mejju 2022, (Proposti tal-Plenarja 46 u 37).

⁶ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2022 dwar l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' edukazzjoni ċivika (2021/2008(INI)) (ĠU C 434, 15.11.2022, p. 31).

⁷ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2021 dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: approċċ olistiku kondiviż (2020/2243(INI)) (ĠU C 205, 20.5.2022, p. 17).

5. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Novembru 2022 dwar il-progress lejn il-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni⁸, li tistieden lill-Istati Membri, lil istituzzjonijiet oħra tal-UE u lill-partijiet ikkonċernati biex jirriflettu flimkien dwar sfidi profondi u miżuri orjentati lejn il-futur bħal "it-titjib tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza Ewropea", kif ukoll l-istrategġiji tal-Unjoni ta' Ugwaljanza⁹ adottati mill-Kummissjoni, li jenfasizzaw ir-rwol importanti tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità u inklużivi bħala faċilitatur għall-progress lejn Unjoni ta' ugwaljanza għal kulħadd, irrispettivament mill-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

JISSOTTOLINJA r-rwol vitali tal-edukazzjoni u t-taħriġ fit-tiswir tal-futur tal-Ewropa. L-azzjonijiet assoċjati mal-prijoritajiet strateġiċi stabbiliti mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) jinvolve, fost affarijiet oħra, li jgħibu perspettiva Ewropea għall-edukazzjoni u t-taħriġ, u jipprovdu lill-istudenti b'għarfien dwar xi jfissru l-Ewropa u l-Unjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Dan ifisser it-tisħiħ tal-ħsieb kritiku u l-promozzjoni tal-kompetenzi ċiviċi, interkulturali u soċjali, il-fehim u r-rispett reċiproku, u s-sjieda tal-valuri demokratiċi u d-drittijiet fundamentali u tal-bniedem fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ.

JISĦAQ li, fil-kuntest tal-proċess ta' rieżami ta' nofs it-terminu taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, fir-Riżoluzzjoni tiegħu ta' Mejju 2023 dwar "Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: Inħarsu lejn l-2025 u lil hinn"¹⁰, il-Kunsill jirrikonoxxi li għandha tingħata attenzjoni partikolari għat-titjib tal-kisba ta' kompetenzi ewlenin li jippermettu l-iżvilupp personali, soċjali, ċiviku u professjonali sħiħ taċ-ċittadini Ewropej kollha.

⁸ COM(2022) 700 final.

⁹ FI-2020 u FI-2021 ġew adottati ħames strateġiji ta' ugwaljanza biex isir progress lejn Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025 (COM(2020) 152 final); l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (COM(2020)698 final); il-Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 (COM(2020) 565 final); il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni (COM(2020) 620 final); u l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030 (COM(2021) 101 final).

¹⁰ ĠU C 185, 26.5.2023, p. 35.

JAQBEL li:

1. L-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza demokratika tikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Ewropa fi żminijiet ta' kriżi, kif ukoll ta' bidliet rapidi u profondi, u jrid ikollha post ċentrali fil-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ, peress li hija l-portal għat-tagħlim dwar il-valuri komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika. Dan huwa partikolarment rilevanti, mhux biss fil-kuntest tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iżda wkoll għas-soċjetà kollha kemm hi, li għandha tkun involuta b'mod attiv. Iċ-ċittadini kollha fl-UE (inkluż dawk li għadhom jaslu u dawk ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni) jeħtieġ li jiżviluppaw il-kompetenzi meħtieġa biex jipparteċipaw b'mod attiv u responsabbli fis-soċjetajiet tagħna.
2. L-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza demokratika għandha tkun ibbażata fuq l-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin, inkluż id-dimensjonijiet soċjali, kulturali u emozzjonali, kif ukoll il-kapaċità għal ħsieb kritiku u riflessjoni. Jeħtieġ li tkun ibbażata fuq it-tagħlim u l-apprendiment permezz tad-demokrazija u dwarha u, b'mod partikolari, fuq il-kompetenza taċ-ċittadinanza bħala l-kapaċità li taġixxi bħala ċittadin responsabbli u tipparteċipa bis-sħiħ fil-ħajja ċivika u soċjali¹¹, kemm offline kif ukoll online, mhux biss fil-livell lokali u nazzjonali, iżda wkoll fil-livell Ewropew u dak internazzjonali. F'dan ir-rigward, l-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza demokratika għandha tkun marbuta mal-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza globali u l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, u mar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem bħala bażi għad-demokrazija, u fid-dimensjoni Ewropea tagħha għandha tinvolvi, fost elementi oħra u f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali:

¹¹ Kif imsemmi fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja (ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1).

- a) il-fehim tal-valuri komuni Ewropej li jirfdu l-Unjoni¹²;
 - b) l-għarfien tal-istorja tal-integrazzjoni Ewropea, tal-UE, l-għanijiet tagħha u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet tagħha, sabiex iċ-ċittadini kollha jkunu f'pożizzjoni li jirriflettu dwar ir-rilevanza u l-valur miżjud tagħha u jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċessi demokratiċi Ewropej;
 - c) l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet li jippermettu involviment Prattiku u attiv fil-proċessi demokratiċi fl-UE¹³;
 - d) aktar għarfien tad-diversità u tal-identitajiet kulturali Ewropej u globali.
3. Huwa essenzjali li jitrawmu valuri komuni Ewropej u ċittadinanza demokratika fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ, u għal persuni ta' kull età. Dan jinvolve l-esplorazzjoni ta' azzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ ġodda fil-livell nazzjonali u dak Ewropew, kif ukoll it-tisħiħ ta' dawk eżistenti, kif ukoll ir-rieda għal kooperazzjoni u qbil, fejn xieraq, dwar għodod, kontenut, approċċi, definizzjonijiet u objettivi komuni, sabiex jirrispondu għal dak li i-ċittadini Ewropej jeħtieġu u jistennew, u biex ikomplu jikkontribwixxu għall-proġett Ewropew u d-difiża tiegħu kontra theddid intern u estern.

¹² Kif espress fl-Artikolu 2 TUE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

¹³ Pereżempju, permezz tal-Inizjattiva ta' Ċittadini Ewropej.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-awtonomija istituzzjonali u l-libertà akkademika, u f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, biex:

1. ISAĦĦU l-promozzjoni tal-valuri komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika bħala vetturi għall-koeżjoni u l-inkluzjoni¹⁴, fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ (formali, mhux formali u informali) minn età bikrija u tul il-ħajja. Għal dan il-għan:
 - a) JINKORAĠĠIXXU l-iżvilupp tal-edukazzjoni ċivika, ibbażata fuq il-kompetenza taċ-ċittadinanza u kompetenzi oħra, bħala parti minn politiki, strateġiji u pjanijiet nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ, fil-livelli u t-tipi kollha, u speċjalment matul l-edukazzjoni obbligatorja u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), kif ukoll f'istituzzjonijiet pubbliċi oħra bħal-libreriji.
 - b) ITEJBU l-għarfien u l-fehim tal-UE, speċjalment tal-istorja tagħha, is-simboli tagħha, l-għanijiet u l-funzjonament tagħha, inkluż l-interrelazzjoni tagħha mal-proċessi demokratiċi tal-Istati Membri, kif ukoll ta' kwistjonijiet ewlenin li jsawru l-ħajja politika Ewropea.
 - c) JAPPOĠĠAW it-tisħiħ ta' sens pożittiv u inklużiv ta' identità u appartenenza fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE, abbażi ta' valuri komuni Ewropej.
 - d) IQAJJMU KUXJENZA dwar ir-rilevanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ kulturali formali, mhux formali u informali biex jiġi ffaċilitat l-għarfien kemm tad-diversità tas-soċjetajiet Ewropej kif ukoll tal-valuri komuni u r-referenzi kulturali tagħhom.

¹⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim (ĠU C 195, 7.6.2018, p. 1).

- e) ISAĦĦU r-rabtiet essenzjali bejn, min-naħa waħda, l-edukazzjoni dwar il-valuri komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika u, min-naħa l-oħra, l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u l-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza diġitali, li jippermettu lill-istudenti u liċ-ċittadini Ewropej jadattaw għal soċjetajiet demokratiċi, ġusti, sostenibbli u diġitali u jipparteċipaw u jinvolvu ruħhom b'mod attiv fihom, permezz ta' proċess ta' tagħlim tul il-ħajja.
- f) B'kont meħud tal-isfidi soċjali bħas-sigurtà u l-privatezza diġitali, il-bullying ċibernetiku, id-diżinformazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u r-radikalizzazzjoni, IQAWWU litteriżmu fil-media effettiv, speċjalment f'kuntesti diġitali u networks soċjali, b'enfasi speċjali fuq il-ħsieb kritiku u s-sensibilizzazzjoni etika, bil-ħsieb li n-nies jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet infurmati.

2. JINKORPORAW tħassib permanenti li tingħata attenzjoni għall-ugwaljanza u d-diversità fil-kuntest speċifiku tat-tagħlim tal-valuri komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika. F'dan ir-rigward:

- a) JIBNU kultura ta' inklużjoni b'mekkaniżmi biex jidentifikaw u jieħdu azzjoni kontra dinamiċi possibbli ta' esklużjoni, diskriminazzjoni u vjolenza abbażi ta' raġunijiet bħall-oriġini, l-appartenenza għal gruppi ta' minoranza, id-diżabbiltà, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali jew kundizzjonijiet personali jew soċjali oħra.
- b) IRAWMU azzjonijiet iffukati fuq dawk li għadhom jaslu fl-UE biex jiffaċilitaw il-kisba ta' kompetenza taċ-ċittadinanza, b'kont meħud tal-oqfsa kulturali tal-oriġini tagħhom u, f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, JINKORAĠĠIXXU l-iżvilupp ta' materjali, proġetti u proċessi edukattivi u ta' taħriġ ibbażati fuq approċċ interkulturali.

3. IRAWMU linji gwida edukattivi, kontenut, metodoloġiji u azzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, innovattivi, parteċipattivi u inklużivi, adattati għall-kuntest tal-Unjoni Ewropea u għall-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ, li jiffaċilitaw l-iżvilupp tal-kompetenza taċ-ċittadinanza, il-kisba ta' valuri Ewropej komuni u t-tagħlim dwar l-UE. Għaldaqstant, u fejn xieraq:
- a) JIRRIKONOXxu li l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali tista' tgħin biex jissaħħa l-iżvilupp tal-kompetenza taċ-ċittadinanza u l-kisba ta' valuri komuni Ewropej. B'mod partikolari, fir-rigward tal-Kunsill tal-Ewropa, JAGĦMLU UŻU AĦJAR tal-Karta dwar l-Edukazzjoni għaċ-Ċittadinanza Demokratika u l-Edukazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qafas ta' Kompetenzi għal Kultura Demokratika fil-kuntest tal-UE. IQISU l-inizjattivi u l-għodod tiegħu għall-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u għat-tisħiħ tal-għarfien tal-istorja Ewropea komuni tagħna u l-għarfien tal-għaqda tagħna fi ħdan id-dimensjoni multikulturali tas-soċjetajiet Ewropej¹⁵.
 - b) JIPPROMWOVU l-kooperazzjoni permezz tal-iskambju ta' Prattiki tajbin fost l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-atturi edukattivi rilevanti kollha fil-livell tal-UE dwar l-iżvilupp, it-twassil u l-valutazzjoni tal-kurrikulu. JIKKUNSIDRAW JESPLORAW il-kooperazzjoni dwar kontenut u approċċi komuni.
 - c) JINKLUDU diversi studenti, jiġġeneraw materjali faċli biex jinqraw b'aċċessibbiltà globali, jadattaw formati u kontenut għall-gruppi differenti.

¹⁵ F'dan ir-rigward, jistgħu jitqiesu inizjattivi kkonsolidati bħaċ-Ċentru Ewropew għal-Lingwi Moderni jew oħrajn aktar reċenti bħall-Osservatorju dwar it-Tagħlim tal-Istorja fl-Ewropa.

- d) IRAWMU attivitajiet ta' volontarjat u edukazzjoni u taħriġ mhux formali u informali fl-iżvilupp ta' kompetenzi relatati mal-promozzjoni tal-valuri komuni, is-solidarjetà, l-impenn soċjali u ċ-ċittadinanza demokratika. JIPPROMWOVU r-rikonoxximent u l-aġġornament ta' tali esperjenzi formattivi, pereżempju permezz tal-mikrokredenzjali.
 - e) JIFFAĊILITAW approċċ diġitali u JIPPROMWOVU l-ġenerazzjoni ta' kontenut informattiv, edukattiv u komunikattiv relatat maċ-ċittadinanza demokratika u l-valuri komuni Ewropej, f'formati adattati għall-kanali l-ġodda tas-soċjetà tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.
4. JAPPOĠĠAW lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jiffaċilitaw ambjent adatt li jipprovdi opportunitajiet għall-eżerċizzju u t-tagħlim dwar iċ-ċittadinanza u l-parteeipazzjoni demokratika permezz tal-prattika. Għal dan il-għan:
- a) JELIMINAW it-tipi kollha ta' diskriminazzjoni u segregazzjoni f'ambjenti ta' tagħlim, sabiex ikunu spazji sikuri u inklużivi, ħielsa minn kwalunkwe tip ta' vjolenza, u konsistenti mal-valuri tal-pluraliżmu, it-tolleranza, ir-rispett, il-ġustizzja, is-solidarjetà, l-ekwità u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
 - b) JIPPROMWOVU d-dritt tat-tfal u ż-żgħażaġ li jinstemgħu u jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja soċjali, edukattiva, kulturali, artistika u rikreattiva tal-ambjent tagħhom, sabiex jiffaċilitaw it-tagħlim progressiv taċ-ċittadinanza attiva.

- c) JINKORAĠĠIXXU l-involvement tal-istudenti, l-ġhalliema, il-ħarrieġa, l-edukaturi, il-mexxejja tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-ġenituri, il-familji u l-persuni li jindukraw f'korpi parteċipattivi, kemm jekk formali kif ukoll informali, u l-kollaborazzjoni u l-iskambju bejniethom.
- d) JIPPROMWOVU AKTAR il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-iskejjel, iċ-ċentri ta' taħriġ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, l-istituzzjonijiet kulturali u l-komunità kollha, bħala sinerġiji bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ formali, mhux formali u informali, b'approċċ ta' skola sħiħa, sabiex il-membri kollha tagħhom¹⁶ jipparteċipaw b'mod attiv u kollaborattiv u jikkontribwixxu għall-ġenerazzjoni ta' spazju pożittiv, sikur u affidabbli li jippromwovi l-benessri tal-istudenti, l-ġhalliema u l-edukaturi.
- e) JIPPROVDU appoġġ u riżorsi adegwati lill-ġhalliema, lill-ħarrieġa, lill-edukaturi, lill-mexxejja tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, lill-ġenituri, lill-familji u lill-persuni li jindukraw fir-rwol ewlieni tagħhom li jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw kompetenzi għall-ħajja soċjali u ċivika u għall-eżerċitar taċ-ċittadinanza demokratika.
- f) IRAWMU l-kisba ta' kompetenzi relatati mal-valuri komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika fit-taħriġ inizjali, l-induzzjoni u l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-mexxejja tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-ġhalliema u l-ħarrieġa fil-livelli kollha. ISAĦĦU l-valur ta' dawn l-esperjenzi formattivi fl-aċċess għall-professjoni tat-tagħlim u l-iżvilupp tagħha.

¹⁶ Inkluż il-mexxejja tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-ġhalliema, il-ħarrieġa u persunal ieħor tat-tagħlim, it-tfal tal-iskola, l-istudenti, il-ġenituri, il-familji, il-kustodji legali u l-persuni li jindukraw, kif ukoll partijiet ikkonċernati oħra: is-servizzi għaż-żgħażaġh, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, il-kumpaniji, il-unions, il-voluntiera, eċċ.

g) JIPFROMWOVU d-demokratizzazzjoni u t-trasformazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'mudelli eżemplari biex jinbnew il-valuri taċ-ċittadinanza, jitrawmu l-governanza u l-parteċipazzjoni fi ħdan il-proċessi organizzattivi u maniġerjali tagħhom abbażi ta' valuri komuni Ewropej.

5. JIPFROMWOVU l-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-għalliema, il-persunal edukattiv u l-mexxejja fi strumenti, programmi u inizjattivi eżistenti fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali li jipprioritizzaw u jtejbu t-tagħlim u l-promozzjoni tal-valuri komuni Ewropej, iċ-ċittadinanza demokratika, l-involviment ċiviku, l-għarfien tal-Unjoni u tal-funzjonament tagħha, u l-parteċipazzjoni attiva fil-proċessi demokratiċi. Bl-istess mod, IRAWMU aktar viżibbiltà u tixrid, kif ukoll innovazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajba, f'dawn l-oqsma.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, skont il-kompetenzi tagħhom, biex:

1. JAGĦTU AKTAR RELEVANZA lill-edukazzjoni dwar il-valuri komuni Ewropej u l-promozzjoni taċ-ċittadinanza demokratika fl-aġenda tal-politika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ. Għal dan l-iskop:

a) JIKKUNSIDRAW LI JINKORPORAWHA bħala dimensjoni msaħħa u aktar viżibbli fil-proposti għall-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025 u għat-tieni ċiklu (2026-2030) tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030).

- b) JIPPROMWOVU AKTAR it-tixrid u l-iskambju ta' prattiki tajbin, attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari u informazzjoni dwar miżuri li jrawmu l-iżvilupp ta' valuri komuni, sens ta' appartenenza għall-UE u l-kompetenza taċ-ċittadinanza, u li jtejbju l-kwalità tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza fl-Istati Membri kollha, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji diġitali. ISAĦĦU b'mod kontinwu n-networking, il-kooperazzjoni u r-riċerka, sabiex ikun hemm l-aħjar evidenza u informazzjoni, u jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki edukattivi f'dan il-qasam.
 - c) ISAĦĦU s-sinerġiji u l-koordinazzjoni bejn il-politiki f'oqsma relatati mal-valuri komuni u ċ-ċittadinanza demokratika, speċjalment dawk immirati lejn it-tfal u ż-żgħażaġħ, sabiex jiżdied l-impatt sistemiku tagħhom.
 - d) JIPPROMWOVU l-importanza tar-rikonoxximent ta' esperjenzi nazzjonali u tranżnazzjonali, proġetti edukattivi u ta' taħriġ u figuri ta' ispirazzjoni relatati mal-valuri komuni Ewropej, iċ-ċittadinanza demokratika, u l-għarfien tal-Unjoni Ewropea u l-proċessi demokratiċi tagħha, pereżempju permezz ta' tikketti, badges u inizjattivi rilevanti oħra.
 - e) JIPPROMWOVU l-organizzazzjoni ta' ċelebrazzjonijiet, kompetizzjonijiet, simulazzjonijiet u inizjattivi komuni u simboliċi bħala mezzi li bih tiġi esperjenzata d-demokrazija u titqarreb ir-realtà tal-Unjoni Ewropea lejn il-komunità edukattiva¹⁷, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew.
2. JIPPROMWOVU l-edukazzjoni għaċ-ċittadinanza diġitali u JAVVANZAW it-trasformazzjoni diġitali bbażata fuq il-valuri fl-edukazzjoni u t-taħriġ permezz tal-iżvilupp ta' approċċi ċċentrati fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-umaniżmu diġitali¹⁸.

¹⁷ Bħall-avvenimenti ta' simulazzjoni tan-negozjati għat-tfal tal-iskola u l-istudenti organizzati mill-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż il-Kunsill (ConSIMium) u l-Parlament Ewropew (Euroscola u l-Programm Skola Ambaxxatriċi tal-Parlament Ewropew), jew inizjattivi oħra bil-kollaborazzjoni tal-Istati Membri (il-programm Lura l-Iskola).

¹⁸ L-umaniżmu diġitali joffri approċċ iċċentrat fuq il-bniedem għall-ġestjoni tad-diġitalizzazzjoni u r-regolamentazzjoni tat-teknoloġiji mill-iktar avvanzati, bħall-Intelliġenza Artifiċjali, filwaqt li jiġi żgurat intervent mill-bniedem f'każ ta' sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

3. JAPPOĠĠAW l-interazzjoni u l-fehim fost iċ-ċittadini Ewropej kollha. Għal dan il-għan:
- a) IĦEĠĠU l-mobbiltà, il-ġemellaġġ u l-kooperazzjoni tranżnazzjonali fil-komunità edukattiva Ewropea kollha — tfal tal-iskola, studenti, trainees, għalliema, persunal edukattiv, voluntiera u mexxejja — f' kull livell u f'kull tip ta' edukazzjoni u taħriġ. JENFASIZZAW il-potenzjal ta' mobbiltà u skambji fit-taħriġ għad-djalogu interkulturali, iċ-ċittadinanza attiva, il-promozzjoni ta' valuri komuni u l-iżvilupp ta' sens ta' appartenenza għall-Unjoni Ewropea, kif ukoll fit-tisħiħ tad-dimensjoni Ewropea tal-edukazzjoni u fl-esperjenza li wieħed ikun Ewropew b'mod aktar intens u dirett.
 - b) ISAĦĦU l-apprendiment u l-għarfien tal-lingwi (inkluż il-lingwi reġjonali u minoritarji) u l-kulturi tal-Istati Membri, fejn xieraq u f'ambjenti formali, mhux formali u informali¹⁹, sabiex jippromwovu l-fehim u l-unità tal-Ewropej kollha fl-identitajiet differenti tagħhom, kif ukoll l-iżvilupp tal-kompetenzi fil-qasam ta' ċittadinanza.
4. ISAĦĦU u JAPPROFONDIXXU l-kooperazzjoni Ewropea u dik internazzjonali fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ abbażi tal-valuri komuni Ewropej tagħna u l-valuri u l-prinċipji edukattivi ewlenin li jiddefinixxu s-sistemi Ewropej tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Għaldaqstant:

¹⁹ Għal dan il-għan, huwa siewi li jiġi appoġġat l-użu tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi: apprendiment, tagħlim, valutazzjoni.

- a) Fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ, fejn xieraq, JIEĦDU L-INSPIRAZZJONI mill-iżviluppi fl-integrazzjoni Ewropea mwettqa fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja u l-istrateġija Ewropea li ssaħħa l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja²⁰ — bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, jew fis-settur tal-VET, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali — biex japprofondixxu l-kooperazzjoni u l-progress lejn Żona Ewropea tal-Edukazzjoni msejsa fuq il-valuri komuni Ewropej tagħna.
- b) IKOMPLU JIKKOOPERAW biex jiġu żviluppati aktar sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità aktar rigorużi sabiex jissaħħu l-istandards komuni tal-kwalità, it-trasparenza, ir-rikonoxximent u l-mobbiltà fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u ż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, kif ukoll biex jikkontribwixxu għal Ewropa aktar koeżiva.
- c) IKOMPLU gradwalment JESTENDU u JSAĦĦU din il-kooperazzjoni bbażata fuq il-valuri mhux biss għal sħab kandidati iżda wkoll għal pajjiżi terzi, speċjalment dawk tal-Viċinat Ewropew, biex jippromwovu rabtiet u jsaħħu s-sistemi tal-edukazzjoni, it-taħriġ u r-riċerka madwar id-dinja. Dan kollu ser jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-għarfien tal-Unjoni Ewropea, jippromwovi l-valuri kondiviżi tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, jiffaċilita d-djalogu politiku internazzjonali u d-diplomazija Ewropea, kif ukoll irawwem l-iżvilupp taċ-ċittadinanza demokratika.

²⁰ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li ssaħħa l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa (ĠU C 167, 21.4.2022, p. 9).

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI, skont it-Trattati u b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sussidjarjetà u ċ-ċirkostanzi nazzjonali, biex:

1. TGĦOLLI l-profil tal-edukazzjoni ċivika u tagħti aktar prominenza u viżibbiltà lill-kontribut li s-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ jista' jagħti lill-inizjattivi u l-istrateġiji Ewropej relatati mat-tisħiħ tal-valuri komuni Ewropej, iċ-ċittadinanza demokratika u l-għarfien tal-UE.
2. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, ISSAĦĦAĦ u TAGĦTI PRIJORITÀ lill-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza demokratika fil-gruppi ta' ħidma tal-qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, u speċjalment fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ugwaljanza u l-Valuri fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ.
3. TINKORPORA l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza demokratika u l-valuri komuni Ewropej fil-proċessi ta' monitoraġġ eżistenti tas-sistemi u l-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li tevita piżijiet amministrattivi addizzjonali fuq l-Istati Membri. Għal dan il-għan:
 - a) B'kont meħud ta' sorsi ta' data internazzjonali komparabbli li diġà huma disponibbli jew li dalwaqt ikunu disponibbli, TUŻA l-għarfien espert tal-Grupp Permanenti dwar l-Indikaturi u l-Punti ta' Riferiment biex TESPLORA l-iżvilupp ta' approċċ imtejjeb għal indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi fil-qasam tal-kompetenza taċ-ċittadinanza fl-UE, kemm għal dawk diġà disponibbli kif ukoll għal dawk li qed jiġu żviluppati.
 - b) TINKLUDI l-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-kompetenza taċ-ċittadinanza fl-edizzjonijiet li ġejjin tal-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ, bħala waħda mill-kompetenzi ewlenin tas-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ, sa fejn ikunu disponibbli data ġdida u evidenza oħra, flimkien ma' aġġornamenti dwar miżuri ta' politika nazzjonali.

4. TIKKONTRIBWIXXI biex jiżdied l-għarfien u jiġu appoġġati l-Istati Membri biex ikollhom data u għodod ewlenin biex jirriflettu dwar, jidentifikaw it-tagħlimiet meħuda u javvanzaw fil-prattiki edukattivi tagħhom, filwaqt li jiġu evitati piżijiet amministrattivi addizzjonali fuq l-Istati Membri, li jistgħu jiddeċiedu li jipparteċipaw fuq bażi volontarja fl-inizjattivi previsti. Għal dan l-iskop:

- a) TIŻVILUPPA studji, rapporti u riċerka aktar komparattivi u bbażati fuq l-evidenza fuq bażi regolari, biex jiġi approfondit l-għarfien dwar x'qed isir fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ lejn l-iżvilupp tal-kompetenza taċ-ċittadinanza u l-effetti tagħha fuq l-eżiti tal-apprendiment, il-promozzjoni tal-valuri komuni Ewropej, iċ-ċittadinanza demokratika u l-għarfien tal-UE²¹. Għalhekk, u fost affarijiet oħra:
- TFASSAL kompendju tal-bosta inizjattivi u Prattiki tajba li l-Istati Membri jimplimentaw dwar dawn is-suġġetti kollha, sabiex ikun hemm ħarsa ġenerali aktar komprensiva.
 - TIPPRODUĊI rapport ġdid Eurydice dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ ċiviku fl-istituzzjonijiet Ewropej tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
 - TIPROMWOVI studji u sħarriġ speċifiċi fil-livell Ewropew biex jiġi evalwat il-grad ta' għarfien tal-UE u l-funzjonament tagħha, is-sens ta' appartenenza, il-parteeipazzjoni attiva u l-għarfien tad-drittijiet u d-dmirijiet li ġgħib magħha iċ-ċittadinanza Ewropea, filwaqt li jintrabtu l-edukazzjoni u t-taħriġ mas-setturi taż-żgħażaġh, tal-kultura u tal-ġustizzja, fost l-oħrajn.

²¹ L-aktar Studju Internazzjonali reċenti dwar l-Edukazzjoni Ċivika u taċ-Ċittadinanza mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Evalwazzjoni tal-Kisbiet Edukattivi jmur lura għall-2016, u l-aħħar rapport Eurydice dwar l-edukazzjoni ċivika fl-iskejjel Ewropej mill-Kummissjoni jmur lura għall-2017.

- b) Filwaqt li tibni fuq l-eżiti tal-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ugwaljanza u l-Valuri fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ, f'kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa, u filwaqt li tuża l-Qafas ta' Referenza ta' Kompetenzi għal Kultura Demokratika tiegħu bħala bażi, TQIS il-possibbiltà li TIŻVILUPPA qafas ta' kompetenzi speċifiku u komplementari għall-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza attiva u demokratika adattat għall-kuntest tal-UE, għal min qed jitgħallem u għall-edukaturi. Dan jippermetti wkoll il-valutazzjoni tal-kompetenzi b'mod simili għal oqfsa oħra eżistenti tal-UE²², filwaqt li jitfittxu sinerġiji magħhom.
- c) TIŻVILUPPA linji gwida dwar il-metodoloġija, il-kontenut u t-taħriġ tal-għalliema biex ittejjeb il-provvista u l-kwalità tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza demokratika fl-Istati Membri kollha biex iservu bħala referenza għal dawk li jfasslu l-politika.
- d) TIPPROMWOVI, bħala għażla volontarja għall-Istati Membri, l-iżvilupp ta' moduli ta' taħriġ speċifiċi rigward l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza demokratika fl-UE għall-għalliema, il-ħarrieġa, u l-mexxejja, kif ukoll għal dawk li jfasslu l-politika, ibbażati fuq valuri komuni Ewropej, iċ-ċittadinanza demokratika, il-kompetenza fil-qasam ta' iċ-ċittadinanza tal-UE u kompetenzi ewlenin oħra relatati, b'mod partikolari permezz ta' programmi rilevanti tal-UE²³ u pjattaformi online bħall-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel (ESEP).

²² Pereżempju, GreenComp, DigComp, LifeComp u EntreComp.

²³ Pereżempju, permezz tal-programm Erasmus + u inizjattivi bħall-Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+.

5. F'dak li għandu x'jaqşam mal-programm Erasmus+²⁴, TAGĦTI AKTAR IMPETU lir-raba' prijorità fost il-prijoritajiet ġenerali tal-implimentazzjoni tal-programm, il-"parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika, il-valuri komuni u l-involvement ċiviku", kif ukoll l-għarfien tal-UE u l-mobbiltà. Għal dan il-għan:
- a) Fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, TENFASIZZA l-ħtieġa li wieħed jitgħallem aktar dwar l-UE, l-għanijiet tagħha, il-proċessi demokratiċi u l-funzjonament tagħha, u l-valur miżjud li tirrappreżenta. Għal dan il-għan, u fost affarijiet oħra, TIKKUNSIDRA l-possibbiltà li TINKORPORA għodod biex jiġi żgurat għarfien aħjar tal-UE u tal-valuri komuni Ewropej, qabel mobbiltà għat-tagħlim jew sħubija ta' kooperazzjoni jew b'mod parallel ma' dan, bħal pereżempju modulu ta' tagħlim adattat għall-età u għall-profil tal-parteeipant. Għandha tingħata attenzjoni xierqa biex jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakli għall-aċċess għall-programm.
 - b) TPOĠĠI ENFASI fuq l-edukazzjoni ċivika u l-valuri komuni Ewropej fil-moduli ta' taħriġ u l-opportunitajiet ta' tagħlim imwettqa taħt l-inizjattiva "Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+".
 - c) TKOMPLI SSAĦĦAĦ il-koordinazzjoni, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-inizjattivi kollha fil-livell tal-UE li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-valuri komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika tal-UE, u għall-ħolqien ta' networks ġenwini ta' interazzjonijiet li kapaċi jinvolvu l-komunità tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-kostruzzjoni kondiviża tal-UE, bħall-eTwinning u l-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel, il-Pjattaforma Elettronika għat-Tagħlim tal-Adulti fl-Ewropa (EPAL), l-azzjonijiet Jean Monnet, l-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej jew iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali.

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1).

- d) TKOMPLI TNEĦĦI l-ostakli burokratiċi u TIFFAĊILITA l-parteċipazzjoni fil-programm, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' istituzzjonijiet żgħar u dawk f'żoni rurali, remoti, periferiċi u inqas żviluppati u reġjuni ultraperiferiċi, jew ambjenti żvantaġġati.
- e) TKOMPLI TORBOT l-azzjonijiet tal-programm ma' inizjattivi oħra taħt il-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri²⁵ (CERV) jew il-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà²⁶ (ESC).
-

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 (ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1).

²⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1475 u (UE) Nru 375/2014 (ĠU L 202, 8.6.2021, p. 32).

Kuntest Politiku

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

1. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1).
2. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim (ĠU C 195, 7.6.2018, p. 1).
3. Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar it-trawwim tal-kuxjenza demokratika u l-involviment demokratiku fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa (ĠU C 415, 1.12.2020, p. 16).
4. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) (ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1).
5. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ekwità u l-inklużjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jiġi promoss is-suċċess edukattiv għal kulħadd (ĠU C 221, 10.6.2021, p. 3).
6. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja (ĠU C 160, 13.4.2022, p. 1).
7. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li ssaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa (ĠU C 167, 21.4.2022, p. 9).
8. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħiliet u l-kompetenzi għat-tranżizzjoni ekoloġika (ĠU C 95, 14.3.2023, p. 3).
9. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: Inħarsu lejn l-2025 u lil hinn (ĠU C 185, 26.5.2023, p. 35).

Dikjarazzjonijiet Ministerjali

10. Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni (Pariġi, 17 ta' Marzu 2015).

Kummissjoni Ewropea

11. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni dwar it-Tisħiħ tal-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura: Il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Mexxejja f'Gothenburg, 17 ta' Novembru 2017 (COM(2017) 673 final).
12. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (COM(2020) 625 final).
13. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-progress lejn il-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (COM(2022) 700 final).

Parlament Ewropew

14. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2021 dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: approċċ olistiku kondiviż (2020/2243(INI)) (ĠU C 205, 20.5.2022, p. 17).
15. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2022 dwar l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' edukazzjoni ċivika (2021/2008(INI)) (ĠU C 434, 15.11.2022, p. 31).
